MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 45/2008

**Carmelina *sive* Lina Mangion armla ta' Edward**

**-vs-**

**Benedetta Meilak; Raymond Meilak; Christopher Meilak; Hermann Meilak; u Veronica Tabone; u b'digriet tat-30 ta' Lulju 2009 Raymond Meilak, Christopher Meilak, Hermann Meilak u Veronica Tabone ġew estromessi mill-kawża; u b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2009 Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer ġew nominati sabiex jirrappreżentaw lill-eredita' ġjaċenti ta' Joseph Meilak.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2008 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin Ewro ċenteżmi (€27,952.48) ekwivalenti għal tnax-il elf Liri Maltin (Lm12,000) import ta' tmien (8) kambjali aċċettati mill-intimata Benedetta Meilak u minn Joseph Meilak missier il-konvenuti l-oħra, miġbuda fuq l-istess attriċi u skaduti u mhux imħallsa fl-1 ta' Lulju 2005, fl-1 ta' Awissu 2005, fl-1 ta' Settembru 2005, fl-1 ta' Ottubru 2005, fl-1 ta' Novembru 2005, fl-1 ta' Diċembru 2005, fl-1 ta' Settembru 2006 u fl-1 ta' Settembru 2006.

2. Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata fil-15 ta' Lulju 2007 l-attriċi interpellat għall-ħlas lill-konvenuti Benedetta Meilak u l-imsemmi Joseph Meilak missier il-konvenuti Raymond, Christopher, Hermann u Veronica aħwa Meilak iżda dawn baqgħu inadempjenti.

3. Illi permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru 2007 l-attriċi reġgħet talbet lill-konvenuti biex jersqu għall-ħlas tas-somma minnhom dovuta iżda dawn ukoll baqgħu inadempjenti.

4. Illi permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1170/07 maħruġ fid-29 ta' Awissu 2007 din l-Onorabbli Qorti inibiet lill-konvenuti milli jbiegħu l-villa *fully detached* numru erbgħin (40) fi Triq Ta' Giorni, San Giljan, in kawtela tad-drittijiet tal-attriċi u dan qabel titħallas l-attriċi.

5. Illi l-attriċi taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin Ewro ċenteżmi (€27,952.48) ekwivalenti għal tnax-il elf Liri Maltin (Lm12,000) import ta' tmin (8) kambjali aċċettati mill-

intimata Benedetta Meilak u minn Joseph Meilak missier il-konvenuti l-oħra, miġbuda fuq l-istess attriċi u skaduti u mhux imħallsa fl-1 ta' Lulju 2005, fl-1 ta' Awissu 2005, fl-1 ta' Settembru 2005, fl-1 ta' Ottubru 2005, fl-1 ta' Novembru 2005, fl-1 ta' Diċembru 2005, fl-1 ta' Settembru 2006 u fl-1 ta' Settembru 2006.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1170/07 maħruġ fid-29 ta' Awissu 2007, tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju 2007, u tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Novembru 2007 u bl-imgħax legali mill-1 ta' Lulju 2005 sal-lum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attricu u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta ta' Bernardette Meilak, ippreżentata fid-9 ta' Marzu 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi dak li hemm indikat fil-kambjala kollha m'huwiex korrett, b'mod speċifiku *"value in cash received" stante* li l-esponenti ma rċevietx l-ebda flus f'kontanti jew mod ieħor mir-rikorrenti.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-kuraturi nomine a fol, 651 li permezz tagħhom huma qalu li m'humiex edotti bil-fatti;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa mill-attriċi ma ġewx kontrastati peress li l-konvenuti ma ressqux provi.

Għalhekk m'hemm ebda dubju li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talba attriċi [1].**

**L-ispejjeż kif indikati fir-rikors għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2010 żdiedu l-kliem: **"u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin Ewro ċenteżmi (€27,952.48), flimkien mal-imgħax legali, mill-1 ta' Lulju 2005 sal-jum tal-effettiv pagament"**.